MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2008

Talba Numru. 556/2007

**Etienne Avallone I.D. 171875(M)**
**-vs-**

**Godwin u Josephine Laudi**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-Talba li biha l-attur talab li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu s-somma ta' tliet mija u erbgha u tmenin Euro u hamsa u tletin centezmi (€384.35) - (Lm165) u dan billi ppremettew illi l-attur huwa s-sid tal-fond 2, Triq Falzon, Sliema. Illi l-konvenuti zviluppaw is-sit li fuqu kien hemm il-fond 1, Triq Falzon, Sliema. Illi l-konvenuti ghamlu appogg mal-hajt li jifred il-proprjetajiet ghal dan l-appogg fis-somma ta' Lm165 u ghalhekk talbu lil dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur is-somma ta' Lm165 flimkien mal-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv u l-ispejjez.
Il-konvenuti wiegbu illi t-talbiet attrici huma nfondati minhabba l-fatt li l-ammont dovut bhala appogg huwa ferm anqas – Lm87.18c. Illi l-konvenuti dejjem kienu lesti

jghaddu dan l-ammont, anzi kienu ghamlu proposta verbali ta’ hlas ta’ anke Lm100 u ghalhekk it-talba hija vessatorja u intempestiva. Bl-ispejjez u salv eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi.

Ra li fis-seduta tat-12 ta’ Dicembru, 2007 l-atturi ddikjaraw illi huma kienu rcevew il-hlas tal-ammont mertu tal-kawza u ghalhekk il-mertu tal-kawza gie ezawrit salv il-kap tal-ispejjez.

Illi fis-seduta tad-9 ta’ Gunju, 2008 intalab li dan it-Tribunal jaghti sentenza fuq il-kap tal-ispejjez.

Illi mill-atti tal-kawza u minn dak li gara quddiem dan it-Tribunal jirrizulta illi l-veru vertenza kienet li ghalkemm il-konvenuti riedu ossia kienu disposti li jhallsu ghall-appogg, huma hassew li l-pretenzjoni tal-atturi kienet ezagerata u f’kull kaz huma ma ridux ihallsu dan il-kont qabel ma l-atturi jhallu lill-konvenuti li jkahhlu l-parti esterna tal-hajt il-gdid li huma kienu bnew fuq l-istess hajt divizorju.

Illi galadarba quddiem dan it-Tribunal il-permess inghata u l-hlas tal-mertu thallas, il-kwistjoni bejn il-partijiet giet rizolta u baqa’ biss l-kap ta l-ispejjez.

Sfortunatament dan kien kaz klassiku fejn pika bejn l-gara rrenjat fuq s-sens komun u kien propju ghalhekk li dan t-Tribunal ghamel l-isforzi tieghu biex jikkalma s-sitwazzjoni u pprova jevita li tinghata sentenza fuq l-mertu u biex minflok tinstab soluzzjoni bonarja biex forsi b’hekk l-affarijiet bejn l-partijiet jigu ghan-normal minghajr l-htiega ulterjuri t’intervent gudizzjarju.

Sfortunatament ma sarx ftehim fuq l-kap ta’ l-ispejjez u dan t-Tribunal ghalhekk qed jkollu jghaddi ghal din sentenza.

F’dan r-rigward it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-pretenzjoni tal-atturi kienet gustifikata u l-konvenuti, ghalkemm moralment kellhom ragun illi jhossu li ghandhom dritt li ma jhallsux il-kont tal-appogg diment li l-istess atturi ma kinux

qed ihalluhom ikahhlu l-hajt il-gdid min-naha ta' barra, r-rimedju taghhom ma kienx li jzommu l-hlas izda li effettivament jaghmlu l-hlas u mbaghad jipprocedu ulterjorment skond kif hu permess li jsir bil-ligi – proceduri li kien jkollhom jsiru fil-Prim' Awla tal-Qorti Civili fejn l-ispejjez tal-kawza kienu jkunu ferm oghla minn dawk tal-kawza odjerna.

Illi ghalhekk fic-cirkostanzi tal-kaz, ghalkemm t-Tribunal jifhem l-attegjament tal-konvenuti, mill-banda l-ohra l-atturi kienu ben gustifikati jezigu hlas malli jigi prattikat l-appogg.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-attur l-ispejjez tal-kawza.

**Av. Peter Borg Costanzi**
**Gudikant**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------